**DISKORS MILL-EĊĊELLENZA TAGĦHA MARIE-LOUISE COLEIRO PRECA, PRESIDENT TA' MALTA FL-OKKAŻJONI TAL-PREŻENTAZZJONI U T-TBERIK TAL-ISTANDARDI TAL-KORP TAL-PULIZIJA TA' MALTA. PJAZZA SAN ĠORĠ, IL-BELT VALLETTA. IS-SIBT 12 TA' LULJU 2014.**

Propju bħal-lum 200 sena ilu, f'pajjżna twaqqaf il-Korp tal-Pulizija ta' Malta, liema istituzzjoni twaqqfet fi żmien meta f'Malta kienet qiegħda sseħħ riforma importanti fil-qasam tal-Ġustizzja.

Dan il-fatt wassal ukoll sabiex poġġa 'l Korp tal-Pulizija ta' Malta bħala wieħed mill-eqdem korpi tal-pulizija madwar il-kontinent. Fil-fatt, il-Korp il-ġdid, beda jesegwixxi ħidmietu taħt liġijiet ċivili u mhux aktar taħt regoli u osservanzi militari u dan sa ma' twaqqaf b'kostituzzjoni.

Il-ġurnata tal-lum għandha titqies bħala ġurnata importanti u memorabbli għal dan il-Korp.

Fiha qed jiġu mbierka u ppreżentati żewġ standardi rappreżentattivi, simbolu tal-identità ta' nazzjon, kif ukoll tal-istituzzjoni bi dmir li tħares u tipproteġi minn kull ħsara, ħażen u hemm; waqt li żżomm l-ordni interna u l-istabbilita'.

Għalhekk hija x-xewqa tiegħi li l-Korp iżżomm il-ġieħ taż-żewġ standardi, il-ġieħ tas-servizz tagħhom u l-ġieħ tan-nazzjon.